# QORTI TAL-APPELL KRIMINALI

**Onor. Imħallef Dr. Neville Camilleri**
**B.A., M.A. (Fin. Serv.), LL.D., Dip. Trib. Eccles. Melit.**

**Appell Numru 5158/2023/1**

**Il-Pulizija**

**vs.**

**Melvin Debono**

Illum is-sitta (6) ta' Frar 2025

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet miġjuba kontra l-appellant **Melvin Debono**, detentur tal-Karta tal-Identita' bin-Numru 304591(M), akkużat quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali talli nhar is-07 ta' Diċembru 2022 bejn il-ħinijiet ta' 08:00hrs u 15:00hrs ġewwa Ħal Tarxien f'dawn il-Gżejjer Maltin:

1. mingħajr il-ħsieb li joqtol jew li jqiegħed il-ħajja ta' l-eks sieħba Melrose Micallef f'periklu ċar, volontarjament ikkaġuna ħsara fil-ġisem jew fis-saħħa, u ċioè offiża ta' natura ħafifa ta' importanza żgħira fuq il-persuna tagħha, hekk kif

iċċertifikat Dr. Lara Grima Borg miċ-Ċentru tas-Saħħa tal-Floriana;

2. ħebb sabiex jinġurja, idejjaq jew jagħmel ħsara lill-eks sieħba Melrose Micallef jew lil ħaddieħor, kemm-il darba l-fatt ma jkunx jaqa' taħt xi dispożizzjoni oħra ta' dan il-Kodiċi;

3. għamel inġurji jew theddid mhux imsemmija band'oħra fil-Kodiċi Kriminali lill-eks sieħba Melrose Micallef, jew, jekk kien ipprovokat, inġurja b'mod li ħareġ barra mil-limiti tal-provokazzjoni.

Il-Qorti ġiet mitluba wkoll sabiex, f'każ ta' ħtija, sabiex tipprovdi għall-persuna ta' Melrose Micallef jew sabiex tinżamm il-bon ordni pubbliku, flimkien mal-piena applikabbli għar-reat, torbot lill-imputat billi tapplika Artikoli 382A *et seq.* tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, għal żmien li tħoss xieraq u/jew torbot lill-imputat b'obbligazzjoni tiegħu nnifsu taħt penali ta' somma ta' flus li tiġi ffissata mill-Qorti billi tapplika Artikoli 383 *et seq.* tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, għal żmien li tħoss xieraq.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali tas-7 ta' Novembru 2024, fejn il-Qorti, wara li rat Artikoli 202(h)(iv), 214, 221(3), 222(1)(a), 339(1)(d) u 339(1)(e) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, sabet lill-imputat ħati tal-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront tiegħu u konsegwentement ikkundannatu tliet (3) xhur priġunerija. Peress li l-Qorti qieset li kienu jeżistu r-raġunijiet indikati fl-Artikolu 412Ċ(1) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, a tenur ta' Artikolu 382A tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, hija ħarġet Ordni ta' Trażżin fil-konfront tal-ħati a favur ta' Melrose Micallef u dan għal żmien tliet (3) snin mid-data tas-sentenza. Il-Qorti spjegat lill-imputat li jekk jikser xi projbizzjoni jew restrizzjoni mposta fuqu f'din l-Ordni huwa jkun ħati ta' reat u jista' jeħel, meta jinstab ħati, multa ta' sebat elef Euro (€7,000) jew priġunerija ta' mhux iżjed minn sentejn jew dik il-multa u priġunerija flimkien.

Rat ir-Rikors tal-appellant ippreżentat fil-25 ta' Novembru 2024 fejn talab lil din il-Qorti sabiex: *"jogħġobha tilqa' dan l-appell billi **TĦASSAR U TIRREVOKA** s-sentenza appellata fejn sabet lill-appellant ħati ta' l-imputazzjonijiet kollha dedotti fil-konfront tiegħu u kkundannatu għal tliet (3) xhur priġunerija, u minflok **TIDDIKJARAH** mhux ħati u b'hekk **TILLIBERAH** minn kull imputazzjoni, ħtija u piena; sussidjarjament u fil-każ illi din il-Qorti jidhrilha li għandha ssib ħtija, **TIRRIFORMA** s-sentenza appellata fil-parti tal-piena nflitta u dan billi minflok timponi piena aktar ekwa u ġusta għaċ-ċirkostanzi."*

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat il-fedina penali aġġornata tal-appellant eżebita mill-Prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat ir-Risposta tal-Avukat Ġenerali għar-Rikors tal-appell tal-appellant, liema Risposta ġiet ippreżentata fis-17 ta' Diċembru 2024.

Semgħet is-sottomissjonijiet finali bil-fomm.

**Ikkunsidrat**

Illi din hija sentenza dwar appell minn sentenza mogħtija mill-Ewwel Qorti fis-7 ta' Novembru 2024.

Illi fir-Rikors tal-appell tiegħu l-appellant jitlob lil din il-Qorti sabiex tilliberah minn kull imputazzjoni, ħtija u piena u alternattivament jitlob piena aktar ekwa u ġusta għaċ-ċirkostanzi tal-każ.

Illi l-fatti tal-każ jirrigwardaw akkadut bejn l-appellant u l-eks sieħba tiegħu l-*parte civile* Melrose Micallef li għandhom tlitt ulied. Jirriżulta li l-*parte civile* kienet sabet xi messaġġi fuq il-*mobile* tal-appellant li wassluha ttemm ir-relazzjoni ta' bejniethom u li dakinhar tal-akkadut it-tnejn li huma kellhom seduta l-Qorti u li l-appellant insista sabiex iwassal lill-*parte civile* l-Qorti. Jidher li f'ħin minnhom qam diverbju fejn l-appellant beda jakkuża lill-

*parte civile* li hija kellha lil xi ħadd ieħor. Il-*parte civile* tixhed li l-appellant allura imputat ħebb għaliha u beda jgħajjarha. Da parte tiegħu, l-appellant allura imputat ma xehedx quddiem l-Ewwel Qorti pero' mill-affidavit ta' PC 2339 Whitney Hili jingħad li qalilha li jista' jkun laqat wiċċ il-*parte civile* meta ħadilha n-nuċċali minn wiċċha, liema nuċċali kien rigal tiegħu.

Illi l-Qorti ser tgħaddi issa sabiex tagħmel il-konsiderazzjonijiet tagħha dwar l-aggravji mressqa mill-appellant fir-Rikors tal-appell tiegħu.

**Ikkunsidrat**

Illi fl-ewwel aggravju tiegħu l-appellant jilmenta dwar l-apprezzament żbaljat tal-provi magħmul mill-Ewwel Qorti. Jisħaq li huwa ma għandu għalfejn jipprova xejn u li l-Prosekuzzjoni trid tipprova l-każ tagħha billi tressaq l-aqwa prova. Ikompli li kunflitt fil-provi jrid jmur a favur tal-persuna akkużata. Jgħid li l-Prosekuzzjoni naqset illi tipprova l-każ tagħha lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni u li għalhekk l-Ewwel Qorti kellha tilliberah anke fuq nuqqas ta' provi.

Illi fl-aggravju in eżami, l-appellant jagħmel riferenza għal tliet ilmenti partikolari li huma s-segwenti:

- Fl-ewwel ilment isemmi l-inċertezza tad-data tal-akkadut. Jisħaq li meta xehdet il-*parte civile* hija ma kinitx ċerta mid-data li fih seħħ l-inċident liema data ġiet indikata mill-avukat tagħha. Isostni li x-xiehda tal-*parte civile* ma tistax titqies bħala waħda kredibbli.

- Fit-tieni ilment tiegħu, l-appellant jargumenta li ċ-ċertifikati mediċi (*a fol.* 31 u 32) tal-feriti ħfief sofferti mill-*parte civile* mhumiex konsistenti u mhumiex maħlufa. Jispjega li fil-kamp kriminali huwa obbligu li titressaq l-aqwa prova u li ċ-ċertifikati msemmija kellhom jiġu skartati.

L-appellant iżid jgħid li hemm kunflitt bejn iż-żewġ ċertifikati b'dana illi meta l-*parte civile* marret tirrapporta dakinhar tal-inċident hija ppruvat teżaġera dak li kienet qegħda tħoss. Jgħid li huwa sinjifikanti f'dan ir-rigward li t-tabiba kitbet li l-*parte civile* kellha uġiegħ mingħajr sinjali esterni ta' feriti u ikompli billi jgħid li kulħadd jista' jgħid li kien muġugħ. Jirreferi għat-tieni ċertifikat fejn il-leżjonijiet kienu ferm anqas u kienu biss feriti ħfief, li kienu jikkonsistu fi tbenġila. Jgħid li dawn iċ-ċertifikati għandhom jiġu skartati speċjalment minħabba li l-ewwel tabiba ma kkonfermatx jekk kitbitx unikament dak li qaltilha l-*parte civile*.

- Fit-tielet ilment tiegħu, l-appellant jargumenta li t-tfal ma kienux preżenti meta seħħ l-inċident prinċipali bejn il-partijiet u dan bil-kontra ta' dak li qalet l-Ewwel Qorti fis-sentenza appellata. Jispjega li dan il-fatt huwa kkonfermat mir-rapport tal-Pulizija ppreżentat fil-11 ta' Ġunju 2024 (*a fol.* 16 *et seq.*). Skont l-appellant huma kienu marru ġabru lit-tfal mingħand in-nanniet u marru jieklu. Mir-rapport jidher li wara qalilha sabiex tmur bil-kwiet u wara dan jidher li niżel mill-vettura imbotta lill-*parte civile* beda joffendiha u jgħidilha li ried il-flus li kien nefaq fuq xufftejha u fuq il-*mobile*. L-appellant itenni li għalhekk minkejja li l-minuri setgħu raw u semgħu xi kliem mhux xieraq bla ebda mod ma jirriżulta li huma kienu preżenti għall-inċident peress illi l-maġġiorparti tal-argument bejn il-partijiet kien diġà seħħ fl-assenza tagħhom.

Illi fir-Risposta tiegħu, l-Avukat Ġenerali jwieġeb għal dan l-aggravju billi jargumenta li fir-rwol tagħha din il-Qorti ma tiddisturbax id-diskrezzjoni tal-Ewwel Qorti jekk hija, mill-provi mressqa quddiemha setgħet tasal għal konklużjoni li waslet għaliha. Fir-rigward tal-ilmenti mressqa mill-appellant fl-ewwel aggravju u li ġew elenkati hawn fuq, din il-Qorti tinnota li l-Avukat Ġenerali qal is-segwenti:

- Rigward l-ilment marbut mal-inċertezza fid-data tal-inċident, l-Avukat Ġenerali jispjega li anke jekk għal grazzja tal-argument il-*parte civile* insiet id-data tal-inċident dan ma

jwassalx sabiex tali xiehda ma titqiesx kredibbli. Isemmi li f'dak il-mument ix-xhud tkun mimlija emozzjonijiet u biża'. Minbarra dan jindika li x-xhud xehdet kważi sena u nofs wara li sar l-akkadut u għalhekk id-dettalji ma kienux friski. Jirreferi għal Artikolu 638(2) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta u jisħaq li xhud wieħed jekk emmnut huwa biżżejjed sabiex tinstab ħtija. Jgħid li f'dan il-każ tressqet aktar minn prova waħda.

- Rigward l-ilment marbut mal-fatt li ċ-ċertifikati mediċi ma kienux maħlufa, l-Avukat Ġenerali jisħaq li l-ġurisprudenza nostrana ma tinsistix li ċertifikat mediku jkun maħluf. Jgħid li ċertifikat anke jekk mhux maħluf huwa suffiċjenti sakemm mix-xiehda l-oħra jibqa' xi dubju raġonevoli dwar jekk verament seħħitx l-offiża fuq il-persuna. Rigward il-punt li dawn iċ-ċertifikati huma kunfliġġenti, l-Avukat Ġenerali jispjega x'kienu s-sejbiet tal-ewwel tabiba u jinnota li l-*parte civile* ntbagħtet l-isptar għal verifiki ulterjuri. Isemmi li t-tieni tabiba indikat ġrieħi simili għal dawk indikati mill-ewwel tabiba u għalhekk itenni li ma hemmx lok għalfejn dawn iċ-ċertifikati għandhom jiġu skartati.

- Fir-rigward tal-ilment rigward il-preżenza tat-tfal, l-Avukat Ġenerali jargumenta li l-Ewwel Qorti ma qalitx li t-tfal kienu preżenti waqt l-inċident prinċipali iżda kienet qed tirreferi għal fatt ta' meta l-appellant ħareġ mill-vettura u mbotta lill-*parte civile* u beda joffendiha u li għalhekk jirriżulta li t-tfal kienu preżenti f'istanzi fejn l-appellant ġab ruħu b'mod vjolenti.

Illi dwar l-aggravju in eżami din il-Qorti tagħmel riferenza għas-sentenza mogħtija fil-25 ta' Novembru 2022 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Joseph Tabone** (Numru 421/2013), fejn din il-Qorti diversament preseduta qalet hekk:

> "Illi huwa spiss affermat fil-ġurisprudenza illi mhuwiex normali illi din il-Qorti ta' revizjoni tiddisturba l-apprezzament dwar il-provi magħmul mill-Ewwel Qorti

jekk tasal għall-konklużjoni li dik il-Qorti setgħet raġonevolment u legalment tasal għall-konklużjoni li tkun waslet għaliha. Il-Qorti għalhekk eżaminat mill-ġdid l-atti proċesswali, inkluż id-dokumenti kollha eżebiti u t-testimonjanzi tax-xhieda li ddeponew quddiem l-Ewwel Qorti, biex b'hekk tkun f'posizzjoni aħjar tevalwa jekk dan l-apprezzament hekk magħmula mill-Ewwel Qorti kienx wieħed raġjonevolment u legalment validu.[1]"

Illi aktar 'il fuq f'din is-sentenza ngħad li l-appellant allura imputat ma xehedx quddiem l-Ewwel Qorti. Ma' dan din il-Qorti żżid tgħid ukoll li quddiem l-Ewwel Qorti d-difiża ddikjarat li ma kellhiex provi x'tipproduċi. Fir-rigward tal-provi prodotti mill-Prosekuzzjoni quddiem l-Ewwel Qorti, mill-atti proċesswali jirriżulta li xehdet il-*parte civile* Melrose Micallef inkluż li ġew eżebiti numru ta' dokumenti, fosthom affidavit, okkorrenza, u ċertifikati mediċi.

Illi jkun opportun li jiġi nnutat li tabilħaqq xhud wieħed jekk emmnut huwa biżżejjed sabiex tinstab ħtija. F'dan ir-rigward din il-Qorti tagħmel riferenza għas-sentenza mogħtija fl-20 ta' Diċembru 2022 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Vincent Farrugia et** (Numru 17/2022) fejn din il-Qorti diversament preseduta qalet hekk:

---

[1] Ara, fost oħrajn, l-Appelli Kriminali Superjuri: **Ir-Repubblika ta' Malta v. Rida Salem Suleiman Shoaib**, 15 ta' Jannar 2009; **Ir-Repubblika ta' Malta v. Paul Hili**, 19 ta' Ġunju 2008; **Ir-Repubblika ta' Malta v. Etienne Carter**, 14 ta' Diċembru 2004; **Ir-Repubblika ta' Malta v. Domenic Briffa**, 16 ta' Ottubru 2003; **Ir-Repubblika ta' Malta v. Godfrey Lopez** u **Ir-Repubblika ta' Malta v. Eleno sive Lino Bezzina** 24 ta' April 2003; **Ir-Repubblika ta' Malta v. Lawrence Asciak sive Axiak** 23 ta' Jannar 2003; **Ir-Repubblika ta' Malta v. Mustafa Ali Larbed**, 5 ta' Lulju 2002; **Ir-Repubblika ta' Malta v. Thomas sive Tommy Baldacchino**, 7 ta' Marzu 2000; **Ir-Repubblika ta' Malta v. Ivan Gatt**, 1 ta' Diċembru 1994; u **Ir-Repubblika ta' Malta v. George Azzopardi**, 14 ta' Frar 1989; u l-Appelli Kriminali Inferjuri: **Il-Pulizija v. Andrew George Stone**, 12 ta' Mejju 2004; **Il-Pulizija v. Anthony Bartolo**, 6 ta' Mejju 2004; **Il-Pulizija v. Maurice Saliba**, 30 ta' April 2004; **Il-Pulizija v. Saviour Cutajar**, 30 ta' Marzu 2004; **Il-Pulizija v. Seifeddine Mohamed Marshan et**, 21 ta' Ottubru 1996; **Il-Pulizija v. Raymond Psaila et**, 12 ta' Mejju 1994; **Il-Pulizija v. Simon Paris**, 15 ta' Lulju 1996; **Il-Pulizija v. Carmel sive Chalmer Pace**, 31 ta' Mejju 1991; **Il-Pulizija v. Anthony Zammit**, 31 ta' Mejju 1991.

"11. Imbagħad l-artikolu 638 tal-Kodiċi Kriminali jagħmilha ċara li huwa fid-dover tal-Prosekuzzjoni li ġġib il-provi kollha u l-aħjar prova possibbli sabiex il-grad tal-prova tal-Prosekuzzjoni jintlaħaq b'suċċess. Jekk dawk il-provi jkunu jikkonsistu prinċipalment fil-verżjoni ta' xhud waħdieni, il-Qorti xorta waħda tista' tasal sal-grad ta' prova rikjest fi proċedimenti kriminali, jekk dak ix-xhud ikun ġie emnut; u dan peress li f'din l-eventwalita', din ix-xiehda ssir biżżejjed biex tagħmel prova sħiħa u kompluta minn kollox, daqs kemm kieku l-fatt ġie ppruvat minn żewġ xhieda jew aktar. Fil-fatt l-artikolu 638(2) tal-Kodiċi Kriminali jgħid li xhud wieħed waħdu, jekk emnut, huwa suffiċjenti sabiex fuq ix-xiehda tiegħu l-Qorti tkun tista' ssib ħtija. Dan il-prinċipju ġie kkonfermat f'diversi każijiet li dawn il-Qrati kellhom quddiemhom fil-passat.[2] Jiġifieri huwa legalment korrett u permissibbli Qorti ta' Ġustizzja Kriminali tasal li ssib ħtija f'persuna akkużata fuq ix-xiehda ta' xhud wieħed biss.

12. In oltre kif gie ritenut mil-Qorti fl-Appell Kriminali fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Joseph Thorne**:[3]

> "mhux kull konflitt fil-provi għandu awtomatikament iwassal għall-liberazzjoni tal-persuna akkużata. Imma l-Qorti, f'każ ta' konflitt fil-provi, trid tevalwa l-provi skond il-kriterji enunċjati fl-artikolu 637 tal-Kodiċi Kriminali w tasal għall-konklużjoni dwar lil

[2] "Ara fost oħrajn l-appelli kriminali sede inferjuri fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Joseph Bonavia** ppreseduta mill-Imħallef Joseph Galea Debono u datata s-6 ta' Novembru 2002; **Il-Pulizija vs. Antoine Cutajar** ippreseduta mill-Imħallef Patrick Vella u deċiża fis-16 ta' Marzu 2001; **Il-Pulizija vs. Carmel Spiteri** ippreseduta mill-Imħallef David Scicluna u deċiża fid-9 ta' Novembru 2011; Ara wkoll **Ir-Repubblika ta' Malta vs. Martin Dimech** deċiża mill-Qorti tal-Appell Sede Superjuri u ppreseduta mill-Imħallfin Joseph Filletti, David Scicluna u Joseph R. Micallef u datata 24 ta' Settembru 2004."

[3] "Deċiza fid-9 ta' Lulju 2003 mill-Qorti tal-Appell Kriminali Sede Inferjuri ippreseduta mill-Imħallef Joseph Galea Debono."

min trid temmen u f'hix ser temmnu jew ma temmnux."

13. F'dan il-kuntest, allura, l-akbar sfida li jkollhom il-Qrati fil-każijiet li jisimgħu hija li jiskopru l-verita' storika; u dan peress li l-evidenza li tinġieb quddiemhom – kemm dik diretta, kif ukoll dik indiretta – mhux dejjem neċessarjament twassal għal dik il-verita'. Xhud jista' jkun konsistenti kemm fil-veritajiet li jgħid, kif ukoll fil-gideb li jista' jkun qiegħed jgħid. U huwa għalhekk li jeżisti wkoll ir-reat ta' sperġur. Il-Qrati ma għandhomx is-setgħa li jaqraw l-imħuħ tan-nies. Il-Qrati jippruvaw jifhmu xi jkollhom f'moħħhom, f'qalbhom u fil-kuxjenza tagħhom in-nies li jidhru quddiemhom biss mill-kliem li jgħidu u mill-egħmil tagħhom. Il-Qrati jridu jistrieħu biss fuq il-provi li jkunu nġiebu quddiemhom – ċjoe l-evidenza diretta jew l-evidenza indiretta.

14. L-evidenza indiretta hi dik li prinċipalment tistrieħ fuq iċ-ċirkostanzi partikolari tal-każ. Għalkemm iċ-ċirkostanzi ma jitkellmux bħax-xhieda, u b'hekk ma jistgħux jigdbu, mill-banda l-oħra jistgħu jkunu qarrieqa. Dawn il-Qrati dejjem straħu fuq il-prinċipju li biex l-evidenza ċirkostanzjali tkun is-sies ta' sejbien ta' ħtija, din trid tkun univoka, jiġifieri li tipponta biss u esklussivament lejn direzzjoni u konklużjoni waħda u xejn ħliefha. Altrimenti, jekk iċ-ċirkostanzi jagħtu lok għal aktar minn konklużjoni waħda, il-Qorti ma tkunx tista' tistrieħ fuqhom biss biex tkun tista' ssib ħtija. Jekk ikun hemm dubju dettat mir-raġuni, il-Qorti ma tkunx tista' ssib ħtija fl-imputat jew akkużat.

15. Mill-banda l-oħra biex persuna tiġi misjuba ħatja, il-Liġi kriminali **<u>ma teħtieġx</u>** li din tkun stabbilita b'ċertezza assoluta. Il-Liġi tal-proċedura Maltija hija imnissla mis-sistema Ingliż fejn huwa meħtieġ li biex Qorti ta' Ġustizzja Kriminali tkun tista' ssib ħtija f'akkużat, il-Prosekuzzjoni tkun trid irnexxielha tipprova

> l-każ tagħha lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni in bażi għall-provi imressqa minnha. Jekk id-Difiża tipprova l-punt tagħha fuq bażi ta' probabbilita', jew tislet argument, inkluż mill-provi tal-Prosekuzzjoni stess, u jirnexxielha ddaħħal dubju dettat mir-raġuni, allura l-Qorti ma tkunx tista' ssib ħtija fl-akkużat.
>
> 16. Il-Qorti tkun tista' tasal għal din il-konklużjoni biss wara li tkun għarblet il-provi ammissibbli kollha li jkunu tressqu quddiemha, jiġifieri kemm l-evidenza ordinarja kif ukoll dik esperta, kemm dik diretta u kif ukoll dik indiretta. Fl-aħħar mill-aħħar dik il-Qorti trid tkun żgura moralment, *sure* fis-sistema Legali Ingliż,[4] li l-każ seħħ skont kif tkun qed tipprospetta l-Prosekuzzjoni lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni. Dan huwa l-ogħla livell ta' prova li l-Liġi teħtieġ biex tinstab ħtija; livell li huwa anqas miċ-ċertezza assoluta, iżda li huwa ogħla mill-bilanċ tal-probabbilitajiet."

Illi din il-Qorti tagħmel tagħha dak hawn fuq ċitat u tapplikah għal dan il-każ li hija għandha quddiemha. Fir-rigward tal-ilment imressaq mill-appellant fir-rigward tad-<u>data tal-akkadut</u>, din il-Qorti tinnota li kien għadda ċertu ammont ta' żmien bejn id-data tal-inċident u d-data ta' meta ngħatat ix-xiehda mill-*parte civile* u ċioè mis-7 ta' Diċembru 2022 sal-11 ta' Ġunju 2024. Tenut kont ta' dan, din il-Qorti hija tal-fehma li minkejja dak li ġara quddiem l-Ewwel Qorti hekk kif bdiet tixhed il-*parte civile* fejn saħansitra ġie allegat mill-avukat tal-appellant li l-*parte civile* kienet qed tara mill-karti tal-avukat tagħha, dan ma jirrendix ix-xiehda tal-*parte civile* bħala mhux kredibbli u dana b'mod speċjali tenut kont tal-provi l-oħra li hemm fl-atti proċesswali.

Illi rigward iċ-<u>ċertifikati mediċi</u> din il-Qorti ma tarax xi differenza kbira bejniethom. Din il-Qorti tikkunsidra li miċ-ċertifikat (*a fol.* 31) rilaxxat dakinhar tal-akkadut *ossia* fis-7 ta' Diċembru 2022, it-

[4] "**R v. Majid**, 2009, EWCA Crim 2563, CA at 2."

tabiba li eżaminat lill-*parte civile* minbarra li rrappurtat uġigħ, irrappurtat ukoll is-segwenti: *"bruising & swelling around right eye"*. Di piú l-istess tabiba fiċ-ċertifikat tagħha tirrapporta: *"pain in jaw (with swelling on the right side)."* Dawn it-tbenġil u nefħiet huma konsoni ma' xi ħadd li qala daqqa fuq wiċċu. Miċ-ċertifikat l-ieħor (*a fol.* 32) li jġib id-data tal-10 ta' Diċembru 2022 jirriżulta li t-tbenġila rappurtata fuq in-naħa leminija tal-wiċċ hija konfermata. Apparti minn dan, minkejja li l-appellant jgħid li dawn iċ-ċertifikati mediċi kellhom jiġu skartati minħabba li ma ġewx konfermati bil-ġurament mit-tobba li kitbuhom, din il-Qorti ma taqbilx mal-appellant fuq dan il-punt. F'dan ir-rigward din il-Qorti tagħmel riferenza għas-sentenza mogħtija fit-30 ta' Mejju 2019 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Raymond Farrugia** (Numru 529/2016) fejn din il-Qorti diversament preseduta qalet is-segwenti:

> "Illi din il-Qorti ma tħossx li ċertifikat mediku għandu jiġi dejjem konfermat bil-ġurament sabiex jintuża bħala prova però f'każ li jkun hemm allegazzjonijiet oħra bħal per eżempju dati differenti, post fejn sar l-eżami ma jkunx l-istess, nuqqas ta' deskrizzjoni ta' feriti jekk humiex ħfief jew gravi, ma x'hiex huma kompatibbli l-feriti' jekk humiex friski jew le jkun hemm bżonn li t-tabib jitħarrek bħala xhud sabiex iwieġeb għal dawn id-domandi bl-intiża li tali prova dokumentarja ma tħalli l-ebda dubbju f'moħħ il-ġudikant u jkun jista' jitnrabat mal-provi l-oħra biex tinħoloq katina sħiħa."

Illi din il-Qorti taqbel ma' dak li ġie ċitat hawn fuq u tagħmlu tagħha b'dan illi għalkemm il-*parte civile* kellha xi diffikulta' tiftakar ċertu dettalji bħall-ikla ġo *fast food,* dan ma jnaqqas xejn la mill-kredibilita' tal-verżjoni mogħtija minnha u lanqas mill-awtentiċita' taċ-ċertifikati li qed jiġu kkontestati. Apparti minn dan, rigward in-natura tal-ġrieħi rappurtati mill-*parte civile* mhux minnu dak li jgħid l-appellant u ċioè li kienu biss sintomi rappurtati minnha lit-tabiba daqs li kieku kienet qed tivvinta. Din il-Qorti tara li hemm rappurtat kemm in nefħa fuq il-wiċċ u n-nefħa fuq ix-xedaq dejjem fuq in-naħa tal-lemin. In-nefħa u t-

tbenġil ma humiex biss sintomi li wieħed jivvinta iżda huma ritratt ta' aggressjoni.

Illi rigward it-tielet ilment ma għandux mis-sewwa dak li jargumenta l-appellant u ċioè li l-Ewwel Qorti qalet li meta seħħet l-aggressjoni din seħħet fil-preżenza tat-tfal. Anzi l-Ewwel Qorti wara li ssemmi l-inċident prinċipali tgħid hekk fis-sentenza appellata (*a fol.* 65): *"Iktar tard x'ħin din ħarġet mill-karozza dan imbuttaha fil-preżenza ta' uliedhom..."*. Għalhekk l-Ewwel Qorti kienet ben konxja tal-fatt li l-preżenza tal-ulied ġiet wara u ċioè meta seħħet l-aħħar parti tal-aggressjoni.

Illi, tenut kont ta' dak kollu li ngħad hawn fuq, jirriżulta li l-Ewwel Qorti setgħet raġonevolment tasal għal konklużjoni li waslet għaliha fir-rigward ta' dak li l-appellant allura imputat ġie akkużat bih quddiem l-Ewwel Qorti bil-konsegwenza li l-aggravju in eżami qed jiġi miċħud *in toto*.

**Ikkunsidrat**

Illi t-tieni aggravju tal-appellant jirrigwarda l-piena erogata mill-Ewwel Qorti fil-konfront tiegħu. Jisħaq li l-piena mogħtija lilu ċioè dik ta' tliet (3) xhur priġunerija hija waħda eċċessiva fiċ-ċirkostanzi tal-każ. L-appellant jargumenta li l-piena ma għandhiex isservi sabiex titpatta l-ħsara mwettqa. Jirreferi għal ġustifikazzjoni li trid issawwar il-piena u ċioè l-element retributtiv, preventiv u riedukattiv. Jgħid li meta l-ġrieħi li jirriżultaw huma ta' natura ħafifa ma tingħatax piena ta' priġunerija effettiva. Jisħaq li l-piena odjerna ma tilħaqx bilanċ bejn l-aspett retributtiv u dak riedukattiv. Għalhekk jgħid li l-piena hija sproporzjonata.

Illi fir-Risposta tiegħu għar-Rikors tal-appell tal-appellant, l-Avukat Ġenerali jwieġeb billi jirrimarka li din il-Qorti ma tiddisturbax id-diskrezzjoni tal-Ewwel Qorti sakemm il-piena minnha erogata taqa' fil-parametri tal-liġi. Ikompli li l-piena erogata mill-Ewwel Qorti taqa' fil-minimu tal-liġi speċjalment

tenut kont tal-aggravanti stipulati f'Artikolu 222(1)(a) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Illi dwar l-aggravju in eżami din il-Qorti tibda billi tagħmel riferenza għas-sentenza mogħtija fil-5 ta' Diċembru 2019 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Clifford Bugeja** (Numru 196/2019) fejn din il-Qorti diversament preseduta qalet hekk:

> "41. Mill-banda l-oħra din il-Qorti trid tagħmel l-evalwazzjoni tagħha dwar jekk il-Qorti tal-Maġistrati applikatx piena li kienet manifestament eċċessiva meta wieħed jieħu kont ukoll tal-aspetti retributtivi u preventivi tas-sentenza emessa minnha. Kif intqal aktar il-fuq fl-appell ***Kandemir*** u li ġie wkoll imbagħad ribadit fl-appell superjuri ***Ir-Repubblika ta' Malta vs. Marco Zarb****,* deċiża nhar il-15 ta' Diċembru 2005, din il-Qorti bħala Qorti ta' appell ma tiddisturbax is-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-ewwel istanza sempliċiment għaliex kienet tippreskrivi piena li kienet għola minn dik li din il-Qorti kif komposta kienet kieku tagħti kieku kienet hi li qegħda teroga l-piena. Biex l-appell jirnexxi, kien meħtieġ li l-appellant juri li l-piena mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati kienet toħroġ barra mill-parametri tal-piena jew miżuri applikabbli għall-każ. Din il-Qorti ma tinterferix ma' pieni li ma jkunux jidhru li huma żbaljati fil-prinċipju, għalkemm ikunu jidhru li huma pieni ħorox għal xi Ġudikanti. Biex piena mogħtija minn Qorti tal-Ewwel Istanza tkun tista' tiġi mibdula jrid jiġi pruvat li kien hemm xi żball fil-prinċipju wara l-emanazzjoni ta' dik il-piena. Il-Qorti tal-Appell Kriminali fl-Ingilterra żviluppat ukoll il-kunċett ta' sindakabilita' tal-piena tal-Qorti tal-Ewwel Istanza fil-każ li din tkun eċċessiva jew manifestament eċċessiva. Biss dan ma jfissirx li sempliċiment għax sentenza tkun tidher li hija fuq in-naħa aktar severa din tkun tissodisfa dan it-test tal-eċċessivita' jew eċċessivita' manifesta. Anzi dik il-Qorti ttenni li appell fuq tali piena jkun jista'

jiġi milqugħ jekk jirriżulta li s-sentenza tkun barra l-parametri tal-piena li tkun applikabbli:

a. għall-offiża in kwistjoni u

b. għaċ-ċirkostanzi tal-ħati

u mhux għaliex tkun piena li tkun għola minn dik li kieku l-Qorti tal-Appell kienet teroga għall-każ in kwistjoni."

Illi apparti dak li ngħad hawn fuq, din il-Qorti tinnota wkoll li l-piena erogata mill-Ewwel Qorti fil-konfront tal-appellant allura imputat ossia tliet (3) xhur priġunerija taqa' fil-parametri ta' Artikolu 221(3) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta. Minkejja dan, din il-Qorti ma tistax ma tinnutax li permezz ta' dak deċiż f'din is-sentenza ġie konfermat li l-appellant huwa ħati tal-imputazzjonijiet addebitati fil-konfront tiegħu b'dan illi l-offiża kaġunata fuq il-*parte civile* kienet ta' natura ħafifa ta' importanza żgħira. Mingħajr ma' l-Qorti b'xi mod jew ieħor tnaqqas mis-serjeta' ta' dak li l-appellant ġie konfermat li ġie misjub ħati tiegħu pero' fl-istess waqt din il-Qorti hija tal-fehma li fiċ-ċirkostanzi ta' dan il-każ u fid-dawl ta' dak li wassal għad-diverbju bejn il-partijiet f'dan il-każ, li din il-Qorti tilqa' l-aggravju in eżami. Għaldaqstant ser ikun hemm temperament fil-piena b'dan illi din il-Qorti ser tħassar is-sentenza appellata f'dik il-parti konċernanti l-piena ta' tliet (3) xhur priġunerija effettiva u minflok ser tikkundanna lill-appellant għal piena ta' priġunerija t-terminu ta' liema ser ikun wieħed sospiż.

Illi finalment din il-Qorti tagħmel tagħha l-insenjament tas-sentenza mogħtija fid-19 ta' Diċembru 2012 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Adrian Montanaro** (Numru 453/2011) fejn din il-Qorti diversament preseduta qalet hekk:

"Naturalment din il-Qorti ma tistax timminimizza r-reat in kwistjoni. Huwa veru li s-sentenza ta' priġunerija ġiet sospiża iżda, bħalma ntqal fis-sentenza ta' din il-Qorti

diversament presjeduta fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Maurice Agius** mogħtija fit-13 ta' Novembru 2009, *"is-sentenza ta' priġunerija sospiża mhix, kif jaħsbu xi wħud, a let off jew sempliċement a slap on the hand. Min ikun ġie kkundannat għal piena ta' priġunerija sospiża jrid ikun, matul il-perijodu operattiv tagħha, kif jgħid il-Malti, 'imqarar u mqarben', għax appena huwa, matul dak il-perijodu, jikkommetti xi reat ieħor li għalih hemm stabbilita piena ta' priġunerija, meta jinstab ħati ta' dak ir-reat l-ieħor tiġi attivata l-piena ta' priġunerija li tkun ġiet hekk sospiża, u dak li jkun ikollu allura jibda jiskontaha.""*

**Decide**

Għal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi tilqa' *in parte* l-appell imressaq mill-appellant Melvin Debono u tgħaddi għalhekk biex tirriforma s-sentenza appellata billi:

- tikkonferma dik il-parti tas-sentenza appellata fejn sabet lill-appellant ħati tal-imputazzjonijiet kollha miġjuba kontra tiegħu;

- tħassar u tirrevoka dik il-parti tas-sentenza appellata fejn l-appellant ġie kkundannat tliet (3) xhur priġunerija u minflok tikkundanna lill-appellant għall-perjodu ta' tliet (3) xhur priġunerija li b'applikazzjoni ta' Artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta qed jiġu sospiżi għal perjodu ta' sena millum;

u

- tikkonferma l-bqija tas-sentenza tal-Ewwel Qorti b'dan illi t-terminu ta' tliet (3) snin fir-rigward tal-Ordni ta' Trażżin hekk kif imsemmi fid-*decide* tas-sentenza appellata għandu jibda jgħaddi millum.

Il-Qorti spjegat lill-appellant fi kliem ordinarju l-import ta' din is-sentenza u x'jiġri jekk jikkommetti reat ieħor fi żmien li l-perjodu ta' priġunerija tiegħu ġie sospiż.

**Onor. Dr. Neville Camilleri**
**Imħallef**

**Alexia Attard**
**Deputat Reġistratur**